



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' April 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0236(COD)

14312/1/20
REV 1 ADD 1

ESPACE 86	ENER 516
RECH 544	EMPL 579
COMPET 664	CSC 373
IND 289	CSCGNSS 8
EU-GNSS 26	CSDP/PSDC 656
TRANS 628	CFSP/PESC 1157
AVIATION 258	CADREFIN 484
MAR 170	CODEC 1414
TELECOM 282	PARLNAT 155
MI 598	

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** li jstabbilixxi l-programm spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni 541/2014/UE

- Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Adottata mill-Kunsill fid-19 ta' April 2021

I. INTRODUZZJONI

1. Fis-6 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni ressqet il-proposta għal Regolament¹ imsemmija hawn fuq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fis-17 ta' Ottubru 2018².
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni adotta l-opinjoni tiegħu fil-5 u s-6 ta' Diċembru 2018³.
4. Fit-13 ta' Marzu 2019, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-Fehim Komuni⁴. Kien mifhum li l-elementi bejn parentesi fit-test tħallew barra mill-ambitu tan-negozjati, peress li kienu jeħtieġu t-tlestija tan-negozjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 biex il-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni tiegħu.
5. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari tiegħu fis-17 ta' April 2019⁵.
6. Il-qbil politiku dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 intlaħaq fil-21 ta' Lulju 2020.
7. Il-Presidenza ngħatat mandat għal negozjati⁶ fl-4 ta' Novembru 2020, u b'hekk in-negozjati ssuktaw. B'kollox kien hemm tliet trilogi.
8. Fl-14 ta' Jannar 2021 il-President tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija indirizza ittra lill-Presidenza fejn indika li, jekk il-Kunsill jibgħat il-pożizzjoni tiegħu lill-Parlament b'mod formali fil-forma kif ġiet ippreżentata fl-Anness għal dik l-ittra, huwa jirrakkomanda li l-plenarja tal-Parlament tapprova l-pożizzjoni tal-Kunsill mingħajr emenda, soġġett għal revizzjoni sussegwenti mill-ġuristi lingwisti.

¹ Dok. 9898/18 + ADD 1

² Dok. 13686/18

³ Dok.15568/18

⁴ Dok. 7481/19 + COR 1

⁵ P8_TA(2019)0402

⁶ Dok. 12594/20

II. OBJETTIV

Ir-Regolament għandu l-għan li jstabbilixxi l-programm spazjali tal-Unjoni, inkluż l-oġettivi, il-baġit u r-regoli għall-implimentazzjoni tiegħu. Dan jippermetti l-għbir flimkien u s-simplifikazzjoni tar-regolamenti eżistenti li jkopru lil Galileo, EGNOS, Copernicus u l-qafas tas-sorveljanza u l-insewiment fl-ispazju (SST) u jippermetti attivitajiet ġodda, bħal GOVSATCOM.

Ir-Regolament jstabbilixxi wkoll l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA), li tissostitwixxi l-Aġenzija tal-GNSS tal-UE (GSA).

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

A. Ġenerali

Wara l-vot fil-plenarja, il-Parlament u l-Kunsill wettqu negozjati bil-għan li jikkonkludu qbil bikri fit-tieni qari bbażat fuq pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari li l-Parlament seta' japprova kif kienet. It-test tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari jirrifletti kompletament il-kompromess li ntlaħaq bejn iż-żewġ koleġislaturi.

B. Kwistjonijiet ewlenin

L-elementi li kien hemm qbil dwarhom fil-Fehim Komuni ma ġewx modifikati, soġġett għal korrezzjonijiet mill-ġuristi lingwisti. Il-punti prinċipali tal-kompromess milħuq mal-Parlament jinkludu:

- it-tul tal-programm;
- ir-regoli li japplikaw għall-parteeipazzjoni ta' pajjiżi terzi u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fil-programm spazjali;
- ir-regoli dwar l-aċċess għas-servizzi tal-SST, is-servizzi ta' GOVSATCOM u s-Servizz Pubbliku Regolat ta' Galileo minn pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali;
- id-dettalji dwar is-sjieda u l-użu tal-assi;

- il-baġit u t-tqassim tiegħu skont il-kategorija tan-nefqa;
- ir-regoli dwar il-finanzjament kumulattiv u alternattiv;
- il-kondizzjonijiet tal-eliġibbiltà u l-partekippazzjoni biex jitħarsu s-sigurtà, l-integrità u r-reżiljenza tas-sistemi operazzjonali tal-Unjoni;
- ir-rwol tal-EUMETSAT u ta' entitajiet oħra;
- il-programm ta' ħidma;
- l-atti ta' implimentazzjoni u l-atti delegati meħtieġa.

IV. KONKLUŻJONI

Il-pożizzjoni tal-Kunsill tirrifletti għalkollox il-kompromess milħuq fin-negozjati bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, iffakilitat mill-Kummissjoni. Dan il-kompromess huwa kkonfermat bl-ittra li l-President tal-Kumitat ITRE indirizza lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fl-14 ta' Jannar 2021. F'din l-ittra, il-President tal-ITRE jindika li ser jirrakkomanda li l-membri tal-Kumitat ITRE, u sussegwentement il-plenarja, japprovaw il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari mingħajr emendi fit-tieni qari tal-Parlament Ewropew, soġġett għal verifika mill-ġuristi lingwisti taż-żewġ Istituzzjonijiet.
